MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 200/2010

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D, E F, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u l-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri G D, H D, I D u J K B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hija sseparat minn ma' zewgha, il-konvenut C D fl-20 ta' Dicembru 1999; li qabel ma ffirmat dan il-kuntratt, l-attrici kienet dahlet f' relazzjoni stabbli mal-konvenut E F, u minn din ir-relazzjoni twieldu erba' t'itfal G, H u I, registrati bil-kunjom D, u J K registrata bhala wild

ta' missier mhux maghruf; li ghalhekk l-attrici trid li l-atti tat-twelid tal-minuri jigu korretti; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-imsemmija tfal huma l-ulied naturali tal-konvenut E F, u mhux tal-konvenut C D; u [2] li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-istess atti tat-twelid; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 77 [sussegwentement l-istess artikolu gie emendat] u 81[2] tal-Kap.16;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2011 li biha l-konvenuti E F u C D ddikjaraw li jaqblu mat-talbiet attrici;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-ulied taghha fuq indikati huma l-ulied naturali tal-konvenut E F, u mhux ta' zewgha C D; kif ukoll sabiex issir korrezzjoni fl-atti tat-twelid rispettivi.

Dawn il-konvenuti ma jopponux.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jrrizzulta li l-attrici, allura mart il-konvenut C D, izda minnu separata, dahhlet f' relazzjoni stabbli u esklussiva mal-konvenut E F, u minn din ir-relazzjoni kellha l-erba' t'itfal fuq indikati.

Illi t-tezi ta' l-attrici ssib konfront shih fir-rizultanzi xjentifici tad-DNA li jikkonfermaw li dawn l-ulied huma l-ulied naturali u bijologici tal-konvenut E F.

Dan premess u kkunsidrat, it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tfal G, H, u I, mhumiex il-wild naturali tal-konvenut C D, izda huma l-ulied naturali tal-konvenut E F; ukoll li t-tifla J K, hija l-wild naturali ta' l-istess E F; u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid tal-istess ulied, fit-termini tat-tieni u tat-tielet talba.

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament mill-attrici u mill-konvenut E F.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------